**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

**2.** L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel t-tifsira "att ta' korruzzjoni" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Assistent Parlamentari" tinkludi, ħlief għall-finijiet tal-artikolu 5(1), eks-Assistent Parlamentari;";

(b) minnufih wara t-tifsira "il-Kummissarju" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Membru tal-Kamra tad-Deputati" tinkludi, ħlief għall-finijiet tal-artikolu 5(1), eks-Membru tal-Kamra tad-Deputati;";

(c) minnufih wara t-tifsira "il-Ministru" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Ministru" tinkludi, ħlief għall-finijiet tal-artikolu 5(1), eks-Ministru;";

(d) minnufih wara t-tifsira "il-Ministru" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Segretarju Parlamentari" tinkludi, ħlief għall-finijiet tal-artikolu 5(1), eks-Segretarju Parlamentari;".

**3.** L-artikolu 26 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Għamla tal-Kumitat.

"**26.** (1) Għandu jkun hemm Kumitat li jkun Kumitat Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, li jkun jikkonsisti:

(a) f'*Chairman* li ma jkunx Membru tal-Kamra tad-Deputati li għandu jiġi maħtur b'riżoluzzjoni li jkollha favur tagħha l-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra;

(b) f'żewġ membri li ma jkunux Membri tal-Kamra tad-Deputati li għandhom jiġu maħtura b'riżoluzzjoni li jkollha favur tagħha l-voti ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra;

(ċ) f'membru wieħed nominat mill-Prim Ministru minn fost il-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

(a) f'membru wieħed nominat mill-Kap tal-Oppożizzjoni minn fost il-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

(2) Meta l-voti jkunu ndaqs iċ-*Chairman* tal-Kumitat għandu jkollu vot deċiżiv.".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-Għanijiet u Raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex tiġi mibdula il-kompożizzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika u sabiex jikkjarifika u jevita dubju dwar l-applikabbilità tal-Att dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika għal eks-Membri tal-Kamra tad-Deputati, eks-Ministri, eks-Segretarji Parlamentari u eks-Assistenti Parlamentari u dwar is-setgħat tal-Kumitat Permanenti dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika.

---

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Standards in Public Life Act, Cap. 570.*

**1.** The short title of this Act is the Standards in Public Life (Amendment) Act, 2021 and this Act shall be read and construed as one with the Standards in Public Life Act hereinafter referred to as "the principal Act".

**2.** Article 2 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) immediately after the definition "corrupt practice" there shall be added the following new definition:

" "Member of the House of Representatives" includes, except for the purposes of article 5(1), a former Member of the House of Representatives;";

(b) for the definition "Minister" there shall be substituted the following:

" "Minister" includes, except for the purposes of article 5(1), a former Minister;

(c) immediately after the definition "Minister" there shall be added the following new definitions:

" "the Minister" means the Minister responsible for Justice;

"Parliamentary Assistant" includes, except for the purposes of article 5(1), a former Parliamentary Assistant;

"Parliamentary Secretary" includes, except for the purposes of article 5(1), a former Parliamentary Secretary;".

**3.** L-artikolu 26 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Composition of the Committee.

"**26.** (1) There shall be a Committee which shall be a Standing Committee of the House of Representatives, which shall consist of:

(a) a Chairman who is not a Member of the House of Representatives who shall be appointed by resolution supported by the votes of not less than two-thirds of all the members of the House;

(b) two members who are not Members of the House of Representatives who shall be appointed by resolution supported by the votes of not less than two-thirds of all the members of the House;

(c) one member nominated by the Prime Minister from among the Members of the House of Representatives; and

(d) one member nominated by the Leader of the Opposition from among the Members of the House of Representatives.

(2) The Chairman shall have a casting vote in cases of equality of votes.".

---

**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to change the composition of the Standing Committee on Standards in Public Life and to clarify and avoid doubt about the applicability of the Standards in Public Life Act to former Members of the House of Representatives, former Ministers, former Parliamentary Assistants and former Parliamentary Secretaries and about the powers of the Standing Committee on Standards in Public Life.

---